# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt


Minuti tal-laqgħa numru għaxra (10) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-3 ta' Settembru, 2013 fis-6:10pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻAT: | Michel Farrugia | Kunsillier |

1. Is-Sindku, Nicholas Briffa ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta numru 9 kienu mgħoddija minn ħafna ġranet qabel il-laqgħa mis-SE lill-kunsillieri u dawn kienu meħuda bħala moqrija, ġew approvati u ffirmati.

PUNTI MILL-MINUTI:

3. Is-sindku ppropona biex jitħallsu l-€5,000 biex il-KLM jingħaqad mill-ġdid fil-grupp azzjoni lokali (GAL) tax-Xlokk. Dwar dan kien hemm qbil unanimu kif ukoll kien diskuss fil-laqgħat preċedenti biex jagħmlu tajjeb għall-programm li jmiss tal-Unjoni Ewropeja.

4. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi l-*Book Box* kienet manifatturata u twasslet fl-intrata tal-Muniċipju u kien deċiż illi din titpoġġa temporanjament fl-Isptar il-Qadim.

5. Kien deċiż li joħorġu s-sejħiet pubbliċi għall-provista u l-istallazzjoni ta' *cctv cameras* tal-iskemi lokali maħruġa mid-dipartiment għall-gvern lokali ħalli sal-aħħar tas-sena jitwaħħlu u nippreżentaw l-irċevuti biex ningħataw il-*grant* tagħhom bħalma wkoll se jsir fil-każ tal-*book box*. Issemmew diversi inħawi oħra fejn il-KLM jista' jinvesti f'*cctv cameras* fosthom f'għalqa wara l-ġibjun fejn qed jintefa' ħafna skart u hemm rapporti informali ta' serq kif ukoll f'Misraħ il-Fidwa biex iħarsu 'l bandli mill-vandaliżmu.

6. Is-SE kien awtorizzat li joħroġ is-sejħa pubblika għar-restawr tal-istatwi bil-pedestall b'kollox ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti li wkoll hija inizjattiva meħuda fuq proposta ta' skema lokali. Fl-istess avviż se tidher ukoll il-kwotazzjoni tal-*live streaming* tal-laqgħat tal-kunsill, li se joħorġu eżattament bl-ispeċifikazzjonijiet mogħtija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

7. Dwar il-ħsarat li qed jippersistu fl-i*street lighting* fi Triq Ħal Farrug, il-kunsillieri xtaqu illi minbarra r-rapporti li ħarġu mis-sistema tal-*customer care* tal-uffiċċju tagħna, nibagħtu ittra lill-Korporazzjoni Enemalta minħabba l-*black out* spiss li qed ikun hemm.

8. F'dan il-punt issemmiet il-ħtieġa illi ssir applikazzjoni għall-*vetting* mal-Korporazzjoni Enemalta għal twaħħil ta' lampa ġdida fi Triq il-15 ta' Settembru, 1598.

9. Nicholas Briffa faħħar l-inizjattiva fejn twettaq *traffic management* (bil-marki tat-traffiku) fi Triq iż-Żurrieq kantuniera ma' Triq Ħal Kirkop ma' Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

10. Is-SE tkellem dwar il-problema tad-djuq ta' parti minn Triq Ħal Farruġ (eżattament fuq il-barrieri) *in vista* illi hu previst li jopera minnha t-trasport pubbliku. Dan wara li dalgħodu stess irċieva telefonata minn Kevin Zahra (*Transport Malta*) li kien il-persuna li annunzjat it-tibdil tar-rotot flimkien mal-Ministru tat-Trasport, l-Onor Joe Mizzi f'laqgħa li saret fil-Ministeru ftit tal-ġimgħat ilu.

11. Qabel il-laqgħa, is-Sindku u s-SE tal-KLM, qassmu ċ-ċertifikati ta' rikonoxximent lill-parteċipanti tal-kors tat-tisjir li issa spiċċa ġewwa l-Isptar il-Qadim waqt l-aħħar sezzjoni ta' dan il-kors.

12. Dwar is-sit elettroniku, is-SE qal illi Valerie Galea qaltlu illi ħafna mil-proposti li kienu diskussi fil-laqgħa li kellhom hija u d-deputat sindku ma' jistgħux jitwettqu mill-uffiċċju tagħna mingħajr l-assistenza tal-*web software developer*. Waħda mid-diffikultajiet kienet illi lanqas jistgħu jitħassru ir-ritratti l-antiki li kienu *posted* matul iż-żmien.

13. Dwar it-trab fin fl-inħawi ta' Triq tas-Sejba, is-SE kien awtorizzat illi jagħmel rapport formali mis-sistema tal-*customer care* li għandna fl-uffiċċju mal-*MEPA*, peress li l-KLM kien injorat s'issa, wara l-ittra li kien bagħat.

14. Kien esebit il-*poster* bil-*logos* tal-attività kulturali bl-isem *Biss bil-Ħila* li ġie disinjat minn Aaron Briffa senza interessi. Hawn kien imsemmi fejn iridu jsiru l-amendi biex dan finalment ikun approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

15. Sar it-twaħħil tal-bankijiet tal-ġonna fi Triq Mikelang Sapiano kif ukoll fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Il-bankijiet kienu inxtraw mingħand Anton Zarb wara li l-KLM kien ħareġ sejħa pubblika.

16. Is-SE kien awtorizzat sabiex jissospendi it-trasport lejn Għar Lapsi li kien qed isir kull nhar ta' Ħamis wara li issa qaleb xi ftit it-temp wara l-maltempata li kellna l-ġimgħa li għaddiet u naqas l-interess lejn il-baħar.

17. Dwar il-ħarġa tal-fuljett li għaddiet is-SE wettaq eżerċizzju tal-iżbalji tal-ortografija peremezz ta' studenta tal-Universita' ta' Malta, Therese Abdilla fejn jidher illi kien hemm diversi żbalji. Għaldaqstant Charlene Zammit offriet illi tagħmel *proof reading* tal-ħarġa li jmiss tal-fuljett.

18. Charlene Zammit ressqet ilment li kien issemma wkoll fil-leġiżlatura l-oħra fuq is-sit tal-Mentna biex terġa' tinfetaħ mill-ġdid it-triq fejn il-*garage* tal-mekkanik. Is-sindku qal li hu xtaq li din jagħmilha *pedestrian zone*, fejn il-mekkanik kien qed jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq vetturi kbar u goffi f'din iz-zona. Wara li s-sindku kellem lil dan il-mekkanik, ma kompliex isewwi aktar u għaldaqstant din il-parti tħalliet għall-*parking* tar-residenti.

19. Dwar il-ħarġa għal Għawdex li se jagħmel il-KLM nhar it-12 ta' Settembru 2013, issa nkitbu nies biżżejjed. Is-SE se jgħaddi il-lista tal-persuni u l-platti li għażlu lis-sid tar-restorant.

20. Dwar id-diżinn tal-*business cards* li kien għadda lill-kunsillieri s-SE, intqal illi din l-*e-mail* ma setgħetx tinfetaħ u għalhekk se jerġgħu jintbagħtu mill-ġdid.

21. Issemmiet il-proposta li din il-leġiżlatura se taħdem fuqha – l-iżvilupp fuq il-ġibjun il-miftuħ f'berġa, sala u bini amministrattiv tal-KLM. Nicholas Briffa qal illi hemm bżonn li l-KLM japplika ħalli jingħata d-devoluzzjoni ta' din l-art, filwaqt li Charlene Zammit saħqet li għandu jinstab post alternattiv biex din il-blokka ma tkunx qed tagħlaq lill-familji li joqogħdu fi Triq Filippu Venuti. Is-sindku issemma l-ġibjun addizzjonali li jrid jiġi kostruwit fl-inħawi ta' Triq Ġanni Darmanin, u jekk il-gvern hux lest li jagħmel espropjazzjoni tal-art. Intant Paul Spiteri qal li f'każ li dan mhux possibbli, għandha titħaffer il-pjazza quddiem iċ-ċimiterju fi Triq Ħal Kirkop. Intant issemmiet ukoll il-barriera tal-Mitħna li l-KLM se jiżviluppaha f'Dar tal-Anzjani.

22. Is-sindku kien fil-pussess ta' ittra li ntbagħtitilna mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, wara li l-KLM oġġezzjona mal-istess dipartiment rigward it-tibdil tal-Kulleġġ San Beneditu, Ħal Kirkop, mal-Kulleġġ San Injazju, f'Tal-Ħandaq, fejn id-dipartiment qed jipproponi biex dan it-tibdil ma jsirx din is-sena skolastika, iżda matul l-2014/2015.

23. Paul Spiteri semma kif *bollard* li twaħħlet ftit tax-xhur ilu mill-*MTA* qed ittellef lir-residenti ta' Triq San Mikiel biex jidħlu bil-vetturi tagħhom. Il-KLM qed jikkunsidra illi din għandha titressaq mill-ħaddiema tagħna filwaqt li rrapporta kif il-katnazz tal-*bollard* tagħna kien regolarment qed ikun

vandalizzat bil-konsegwenza li kellna naqtgħu diversi settijiet ta' ċwievet għar-residenti kollha ta' din it-triq.

**Aġenda**

24. Bi preparazzjoni għall-attività tas-6 t'Ottubru 2013, li se taħbat mal-Festa tar-Rużarju, is-sindku qal li jrid jizzarma kollox fis-2:30pm. Issemmiet il-kukkanja u kif se jkunu t-timijiet li se jieħdu sehem fiha, l-artisti li se niltaqgħu magħhom nhar is-6 ta' Settembru 2013 f'laqgħa ta' tħejjija, l-appuntar ta' preżentatriċi tas-serata li għad trid tkun avviċinata, it-talent minn artisti fuq il-palk speċjalment dawk Imqabbin bħal Crystal u Federica, l-i*sponsors* ta' *t-shirts* mill-Kumpanija *Bronk Productions*, il-banda li se tibda l-marċ tagħha fl-10:30am, l-esebizzjoni tal-*Ford Classic Cars* u l-ittri biex ninfurmaw lin-nies ħalli ma jipparkjawx fi Triq Karmenu Ciantar, il-medalji li kienu esebiti mis-sindku għall-parteċipanti tal-kukkanja, il-kontenut u fejn se jitpoġġa l-*bill board*, ix-xiri ta' erba' *gazebos*, kif ukoll l-irwoli li se jkollhom il-kunsillieri (Charlene il-parti artisika fuq iz-zuntier, Mary Grace Mallia il-karozzini u n-nisa tat-tisjir, Paul Spiteri l-*entertainers*, l-*istaff* u l-marċ, Michel Farrugia l-kukkanja u l-*istalls* tal-ikel li possibilment se jkollhom *wash hand basin* magħhom, tal-kazini, u s-sindku jkun qed jagħmel xogħol *overall*.)

*25.* Minkejja li l-Perit William Lewis għadda ir-rakkomandazzjoni tiegħu biex il-KLM jagħti l-offerta lill-kumpanija *Elle's*, is-sindku qal li l-aħjar inkunu kawti u ma nagħtux il-kuntratt qabel inkunu ċerti mid-diskrepanzi kbar ħafna fir-rati li tefgħu l-*bidders*. Dan għaliex jidher li hemm xi ħaġa li jew ma fehmux sewwa jew inkella żgarrew bil-kbir. Intant is-suġġett se jkun trattat darba oħra, filwaqt li mhux se jkunu konsidrati *Polidano* u *Asfaltar* li hu evidenti li kienu għoljin ħafna, għalhekk kienu *short listed SKS u Elle's.*

26. Ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart li sarulu xi amendi fih fil-*Government Income Allocation* u li kien preżentat mis-SE illum fuq il-mejda tal-kamra wkoll kien pospost għal-laqgħa li jmiss.

27. F'dan il-punt issemmiet il-bankina li sadanittant il-kuntrattur Tony Zammit bidel, fi Triq il-Qattara biex ir-residenti ma jidħlilhomx ilma tax-xita fi djarhom. Is-sindku fakkar lill-kunsillieri illi f'din it-triq il-kunsill preċedenti kien ħareġ offerta pubblika għal darba, darbtejn biex jagħmlu *culvert* għall-ilma, il-kuntratturi kienu talbu mhux inqas minn €20,000. B'din il-bankina se nkunu solvejna l-problemi li qabel ma saret it-triq bit-tarmak ma kienetx teżisti u ġiet tiswa lill-kunsill is-somma ta' €900 biss.

28. Hawn issemma l-ilma li l-kunsillieri rrappurtaw li qed joqgħod fi Sqaq Numru 4, fi Triq il-Parroċċa. Is-sindku qal li peress li dan hu sqaq m'hemmx fejn imur l-ilma tax-xita u għalhekk kien suġġerit li tkun iffurmata tumbata biex tal-inqas l-ilma ta' Triq il-Parroċċa ma jidħolx f'dan l-isqaq u jibqa' nieżel lejn il-pjazza.

29. Fi tmiem il-laqgħa il-kunsillieri għażlu l-*play centre* u xi *items* oħra mill-kwotazzjonijiet li kienu intefgħu, kif ukoll il-bandla tal-persuni b'diżabilità. Dawn huma *items* li kien ippreżenta *JGC Co Ltd.* Ovjament, dawn se jkun qed jakkumpanjahom is-*safety mat* li wkoll se jkun qed jinxtara minn għand din il-kumpanija. Dan se jkun ikkomunikat mis-SE kemm mal-offerenti kif ukoll mal-Perit William Lewis sabiex ikun jista' joħroġ il-*bills of quantities* u b'hekk ikun possibbli li napplikaw mill-Fond għat-Titjib Urban tal-*MEPA*.

30. Il-laqgħa ntemmet fid-21:30 filwaqt li dik li jmiss se ssir nhar id-19 ta' Settembru, 2013, fis-6.00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*19/9/2013 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |